**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 370/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Said**

**<u>Illum, it-13 ta' Frar 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Joseph Said** detenur tal-karta tal-identita Maltija **576554M** , akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-24 ta' Diċembru 2022 għall-ħabta ta' 23:15hrs, ġewwa Triq l-Imdina, Zebbuġ, soqt vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBR 812;

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, li ma kellhiex liċnezja **Sec.15(1)(a)(3), Chap. 65;**

2. Uza, ġiegħel jew ħalla lill persuna oħra tuza vettura fil-mutur bit-toroq, għal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-oħra mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni **Sec.3(1), Chap. 104;**

3. Bħala sid jew xufier ta' l-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li jwahhal id-diska tal-liċenzja man-naħa **Reg.17(2)(a), LS.368.02, 2nd Schedule Chap.65.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Ottubru 2023, fejn iddikjarat lill-appellant mhux ħati tat-tielet akkuza u illiberatu minnha, u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn u kkundannatu iħallas multa fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). B'żieda mal-piena l-Qorti applikat d-disposizzjonijietr tal-Art.3(2A) tal-Kap.104 u tal-Art.15(3) tal-Kap.65 u skwalifikat lill-imputat appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex jiġu skwalifikati mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Said, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Ottubru , 2023, fejn talab lill din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **Tikkonferma** fejn illiberatu mit-tilet (3) imputazzjoni **tħassarha u tikkanċella** fejn, sabet lill-esponent ħati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u kkundannatu ihallas il-multa ta' (€2500, u fejn ġie skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' 12-il xahar u 8 ijiem, u minnhom tilliberah, u fin-nuqqas, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti minħabba raġunijiet speċjali peress li jaqla l-għejxien tiegħu bħala negozjant tal-vetturi a tenur ta' artikolu 3.2A tal-Kap 65 tnaqqas il-perjodu ta' skwalifika għal wieħed aktar idoneu għall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant Joseph Said li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe' :

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti</u>**;

1. **Illi** l-ewwel Onorabbli Qorti ma mxietx mad-dispost ta' artikolu 382 tal-Kap 9 fl-għoti tas-sentenza u konsegwentment tali hija fl-umli opinjoni ta' l-esponenti nulla;

2. **Illi** mingħajr preġudizzjoni għall-ewwel aggravju l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni skoretta tal-liġi u apprezzament zbaljat tal-provi;

3. **Illi** tenut kont tal-fatt li l-esponenti huwa *car dealer* liċenzjat u għandu bzonn impellanti isuq vetturi jezistu raġunijiet serji biex l-iskwalifika tiġi mnaqqsa.

Rat ir-rispota tal-Avukat Generali preżentata fir-registru ta' din l-Onorabbi Qorti nhar is-6 ta' Diċembru 2021.

Rat l-atti kolllha tal-kawza.

Rat ix-xhieda li iddeponiet quddiem l-ewwel Qorti u cioe is-segwenti:-

Rat l-affidavit ta' **PS 508 A Gatt** preżentat fl-atti a fol. 2 fejn spjega li nhar l-24 ta' Diċembru, 2022 waqt il-ħinijiet ta' bejn il-23.00 p.m u l-23.15 p.m meta kien għaddej fuq *road checks* fi Triq l-Mdina Ħaż Żebbuġ direzzzjoni lejn ir-Rabat innota vettura tal-għamla Suzuki bin-numru tar-reġistrazzjoni JBR 812 waqt li dak il-ħin għaddiet il-vettura minn fuqu innota l-vettura kellha il-liċenzja tonda mhux imwaħla. Minn hemm ix-xufier ġie mitlub jitfa' fil-ġenb tat-triq sabiex jiġi mitkellem rigward dan.

Ix-xufier ġie identifikat bħala l-imputat illum appellant fejn dan stqarr li l-vettura kienet tad-Dealership tiegħu. Dak il-ħin is-sewwieq kellu l-mara tiegħu miegħu fil-karozza bħala passiġġiera. Meta ġie msitoqsi rigward il-liċenzja tal-vettura kompla jistqarr li ma kellux għalfejn jagħmlilha liċenzja għax huwa kien dealer u kellu l-plates *Trial Run* fuqu. Mingħajr ma talbu ħadd l-appellant ħareġ borża minn ġol bagol ta' l-imsemmija vettura fejn hemmhekk kien hemm il-pjanċi ta' *Trial Run* tiegħu. Ġie

spjegat lilu li dak li kien qed jagħmel kien illegali u li l-pjanċi lanqas kieku kienu imwaħlin mal-imsemmija vettura ma setgħu jiġu abbużati b'dan il-mod.

Rat l-affidavit preżentat fl-atti a fol. 6 tal-process rilaxxjat minn **Stephen Cachia** għan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta u dan stqarr li minn indagini li għamel fir-rekords tal-Awtorita irriżulta li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBR 812 hija tal-għamla Suzuki Swift fl-24 ta' Diċembru, 0222 u din kienet reġistrata fuq Joe Said għan-nom ta' Buss Auto Dealer. Din il-vettura kienet hekk reġistrata bejn is-26 ta' Ottubru, 2022 u l-20 ta' Lulju 2023 meta ġiet trasferita fuq terzi. Il-liċenzija tal-imsemmija vettura skadiet fil-31 ta' Ottubru, 2022 u ġiet imġedda fl-20 ta' Lulju 2023 meta sar it-transfer. Rat id-dokumentazzjoni esebita minnu.

Rat l-okkorenza redatta minn PS 508 Aidan Gatt preżentata fl-atti a fol. 9.

Rat ix-xhieda mogħtija mill-imputat **Joe Said** nhar it-3 ta' Ottubru 2023 minn jheddu u b'mod volontarju. L-appellant stqarr li meta ġie imwaqqaf mil-pulizija dan ra li kelllu l-liċenzja tat-Trial Run. L-appellant ippreżenta kopja tal-liċenzja li huwa għandu biex jopera ta' Motor Car Dealer u kopja tad-Dealer Card u tal-insurance. Dawn ġew mmarkati bħala Dok A, B u C rispettivament.

Spjega li meta jixtri vettura mingħand terzi iddur it-transfer fuq il-permess tiegħu billi jmorru għand Transporta Malta ituhom il-liċenzja ta lil min tgħajjat il-vettura u ddur fuqu biex b'hekk ikun jista jbiegħha hu. Sakemm iddum għandu l-vettura l-liċenzja tal-winscreen ma titħallasx. Mal-windscreen iwaħħlu il-pjanċa tat-Trial Run. Il-polza ta' assigurazzjoni tkopri li jkun jista juża l-vettura biex joħodha għandha l-electrician jew l-isprayer.

Issa dakinhar li waqfu l-pulizija flok il-liċenzja tal-winscreen kellu it-Trian Run. Jiftakar li kien lejliet il-Milied għall-ħabta tal-11.00 p.m. Dakinhar qal li kien sejjer bil-vettura fil-garage tiegħu Ħaż-Żebbuġ. Qal li kien ġej mix-showroom li għandu f'Mdina Road, Ħal Qormi. Qal li kien sejjer jiggaraxxja l-vettura u dan sabiex jiġbor vettura privata tiegħu u jikkonferma li miegħu fil-karozza kien hemm martu u li verament kien xi ħin wara il-11.00p.m. Jgħid li l-pjanċa tat-Trial Run kienet fuq id-dashboard u minn dan huwa ċert. Qal li jekk iħalluhom fuq barra joħduhomlu għax

mhux bil-viti titwaħħal iżda bil-ħabel. Qal li kien il-pulizija li qallu biex ineħħieha minn fuq id-*dashboard* u ipoġġiha fil-bagoll. Fejn suppost li jkun hemm in-number plate jgħid li kien hemm il-veru number plate tal-vettura. Qal li ma kienx ħallas il-liċenzja fuqha għaliex dik tkun markata bħala *resale*. Qal fuq il-vettura ma jkunx hemm insurance għax meta tixtrieha mingħand terz jieħu r-refund tagħha u tibqa bla kopetura ta' insurance sakemm terġa tinbiegħ. Mistoqsi x'kien jiġri kieku ħabat jgħid li kienet tħallas is-soċjeta assikuratriċi jekk ma kienx it-tort tiegħu. Huwa jkun kopert Third party.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggavju tiegħu l-appellant jistqarr b'mod kiesaħ u biered li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla u dan għaliex l-ewwel Qorti ma segwitx id-dettami tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar x'għandu ikun fiha sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali. F' każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :

**Il-Pulizija vs. Paul Cachia** deciza mill-Qorti tal-appelli Inferjuri nhar il-25 ta' Settembru, 2003

**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-appelli Inferjuri nhar id-9 ta' Settembru,2002

**Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat** deciza mill-Qorti tal-appelli Inferjuri nhar l-10 ta' Lulju 2002 u it-28 ta' Gunju, 2002.

**Il-Pulizija vs. Donald Cilia** deciza mill-Qorti tal-appelli Inferjuri nhar l-24 ta' April, 2002.

**Il-Pulizija vs. Mark Portanier** deciza mill-Qorti tal-appelli Inferjuri nhar l-14 ta' Settembru .2004];

**Il-Pulizija vs. John Axiaq et** deciza mill-Qorti tal-appelli Inferjuri nhar id-19 ta' Mejju 2005 u ohrajn.

Illi jinghad *in breve* li l-ewwel Qorti iċċitat l-imputazzjonijiet mogħtija mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant u dawn għandhom jiġu kunsidrati bħala l-fatti tal-każ. Tgħid fid-decide tagħha li kienet qed issib lill-appellant ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u għalhekk hemm il-kundanna rikjesta mill-liġi u wara għaddiet biex issemmi l-artikoli tal-liġi li jindikaw iż-żewġ akkużi li sabitu ħati tagħhom.

Minn eżami tas-sentenza jirriżulta li fid-decide iċċitat bħala artikoli l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 (3) tal-kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-ebda ħin ma' semmiet ir-regolament 17 (2) (a) LS 368.02 2nd Schedule Kapitolu 65 minkejja li sabitu ħati tat-tielet akkuża kontemplata f'dan l-istess regolament. l-Artikolu 15 (3) tal-kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux x'jaqsam mat-tielet akkuża li tagħha instab ħati.

Dan in-nuqqas ravviżat mill-Qorti fis-sentenza appellata ċertament jirrendiha nulla għaliex fil-każ tat-tieni imputazzjoni, tihder li taqa' taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġie ċitat ebda artikolu jew artikoli tal-liġi rilevanti għas-sejba ta' ħtija tat-tielet artikolu li huwa dak ir-regolament 17 (2) (a) LS 368.02.

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu

tkun instabet ħtija. (ara **<u>Il-Pulizija vs. Mario Agius</u>** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Frar, 1995 u ohrajn).

*Di piu* ġie ukoll ritenut ukoll li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. **<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zahra</u>** deciz minn din il-qorti diversament preseduta nhar is-26 ta' Mejju 1994 u **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi</u>** deciz minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is -6 ta' Jannar, 2005 u oħrajn.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara li dan l-aggravju tal-appellant għandu jigi akkolt u għalhekk qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata w deċiża mill-ġdid skond il-liġi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**